MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 68/2001/1

Rikors Nru: 68/01

Dr Godfrey Sant, Marie Bellizzi mart Louis, Col. Edward Sant, Ann Cachia Fearne mart Joseph, Rose Rapa mart Dr Espedito, Joan Schembri Wismayer mart Dr Albert u Anthony Sant Portanier

vs

Paul Camilleri

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Awissu, 2001 fejn esponew:

Illi l-intimat jikri l-fond 72 Victory Street, Hamrun, minghand r-rikorrenti bil-kera ta' Lm20 fis-sena jithallas

kull sena bil-quddiem. Illi l-iskadenza li jmiss taghlaq fil-31 ta’ Marzu, 2002.

Illi l-intimat mhux qed juza l-fond lilu mikri u/jew biddel id-destinazzjoni tal-kirja.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlobu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahhom jirriprendu l-pussess tal-fond 72 Victory Street, Hamrun fi tmiem il-prezenti perijodu billi jordna l-isgumbrament tal-intimat. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat fejn espona:

Illi mhux veru illi l-intimat mhux qed juza il-fond mikri, u anqas illi biddel id-destinazzjoni tal-kirja.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-24 ta’ Novembru, 2004.

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrenti qed jitolbu li jiehdu l-fond lura, dar ta’ l-abitazzjoni billi l-intimat ma juzahx.

2. Ir-rikorrent Louis Bellizzi jghid li ilu jamministra l-fond, li hu proprjeta’ ta’ martu u ta’ hutha mill-1992. Izid, meta xehed fis-seduta tal-4 ta’ Dicembru, 2001, qal li

“…………..ricentement bieghna l-fond li kien taghna wkoll, imiss mieghu, u s-sid li trah, xtaq jaghmel xi alterazzjonijiet strutturali li kien jaffettwa dan il-post ukoll,

u tlabt lis-Sur Camilleri (l-intimat) biex nigi nispezzjona l-post" (fol 8).

Cempillu (fejn u kif ma jirrizultax). L-iehor talbu ftit zmien (gimgha) u marru fuq il-post. Mill-mobbli Bellizzi 'ha impressjoni' li ma kienx jintuza. Esebixxa kontijiet ta' l-ilma li juru li l-konsum minn Jannar 1997 beda niezel sa kemm wasal fix-xejn (Fol 9). Dan hu konfermat mir-rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma (Fol 17-19). Il-fond ikklassifikat bhala 'domestiku' hu fuq l-intimat li jimmarka li joqghod wahdu. Il-konsum tad-dawl hu bhal dak ta' l-ilma (vide ibid) Bellizzi esebixxa folja tar-Registru Elettorali (Dok EL – fol 41) fejn l-intimat hu mnizzel fuq fond iehor "Jasmin", Triq San Tumas, Fgura. Rapprezentant tal-posta xehed fuq post iehor u minkejja tentattivi minn naha tar-rikorrent biex jinstab il-pustier, dawn ma kellhomx success.

3. L-intimat ighid li ilu joqghod fil-fond sitta u tletin sena (36), minn mindu kellu hames snin. Mar ma' nanntu u meta din mietet xi sittax-il sena ilu (16) il-kera ddawwar fuqu minn omm l-intimati u zdiedet il-kera. Ommu ghandha dar fl-istess triq, ftit il-boghod u kif jinsab wahdu bhal issa, jidhol u jinhasel ghandha, imma jorqod fil-post "de quo" fejn hu registrat bhala vakant. Il-folja tar-registru elettorali ma turix il-fatti hekk. Izzewweg ghall-habta tal-1985. Ghamel xi tlett snin mal-mara u wara infired. Martu toqghod fl-indirizz il-Fgura. Gara hekk wara l-firda.

4. Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2003 l-intimat ibiddel din il-versjoni u jghid li wara z-zwieg mar il-Fgura ma' martu u wara xi kwistjonijiet rega' mar il-Hamrun. Ghamel xi sena, sentejn li kien jorqod huh Paul, ghax kien jahdem hemm, gewwa l-fond ta min kien ihaddmu (fol 42-46). Ighid li l-karta ta' l-identita' halliha l-Fgura 'minhabba t-tfal, qatt ma 'dawwartha…….'(fol 45). It-tfal ghandhom tlettax, hdax u disa' rispettivament (fl-2003).

5. "Ir-rikorrenti qed jippermettu bhala kawzali ghar-ripreza tal-fond, il-fatt tan-non uzo tal-fond. Non uzo li jekk provat, skond principju accettat fid-dottrina jgib bhala konsegwenza li l-kerrej ma jkunx qieghed juzah skond

id-destinazzjoni tieghu (Vol XXX IV 1-164). Dan fuq l-istregwa tal-invakazzjoni tal- Laurent ("Principio di Diritto Civile" (Vol 25 para 26). "Non si usa della cosa seconda la sua destinazione, non usandone". ("Blackman vs Cuschieri et" Appell mill-Bord, 16/12/2002).

6. Illi l-prova tan-non uso jaghmluha s-sidien, b'mod li joholqu konvinciment morali fil-gudikant. Jistghu wara li jsejsu fuq xi provi juzaw il-provi mressqa min naha l-ohra. F'dan il-kaz jidher li s-sidien ma rawx l-affarijiet taghhom bir-reqqa qabel ma ressqu r-rikors. Il-post kien ta' ommhom u hi ghamlet il-ftehim mal-intimat. Il-post inkera biex l-intimat jghammar fih. Jekk kienx mizzewweg jew le ma jirrizultax. Bejn wiehed u iehor meta inqalbet il-kera u z-zmien li zzewweg huma qrib hafna. L-intimat jikkontradixxi lilu nniffsu x'gara wara z-zwieg. Martu giet toqghod mieghu, jew hu mar joqghod ma' martu l-Fgura. Ighid li hu nfired minn ma' martu wara xi tlett (3) snin u rega mar joqghod il-Hamrun. Il-karta ta' l-gharfien hi fuq il-Fgura izda hu qabel stqar li 'jivvota' fuq il-Hamrun. Is-sidien ghall-bidu strahu biss fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li juru nuqqas gradevoli tal-konsum. Aktarx hasbu li l-intimat mar joqghod ma' ommu f'dar ohra fl-istess triq fejn jirrizulta li ommu ssajjarlu. Ir-rikorrenti strahu fuq hekk (verbal a fol 16 fejn iddikjaraw li ghalqu l-provi) u wara sabu r-registru elettorali. Anke fit-trattazzjoni l-enfazi jibqa' fuq l-allegazzjoni li l-intimat mar joqghod ma' ommu, haga li ma hijiex pruvata. Il-karta ta' l-gharfien turi rabta bejn ic-cittadin u l-istat imma flimkien ma' cirkostanzi ohra jista' jkollha certu relevanza. Ir-rikorrenti kellhom f'idejhom hafna truf li baqghu truf. Il-Bord ma jistax jibdel l-oneru tal-prova. L-intimati kellhom kull opportunita' li jressqu provi ohra u provi ohrajn kif is-solitu jsir f'kazi bhal dawn. L-intimati qed jirreferu ghal certu zmien 1995 sa l-2001, almenu hekk fehem il-Bord. Fuq qabel ma jafu xejn. Ghal zmien 1995-2001 ippruvaw isibu xi provi ghax dehrilhom li d-dar ma kienetx abitata kif kienu jistennew. L-intimat ihawwad imma ma jistax jinghad li r-rikorrenti ppruvaw dak li jghidu fir-rikors. Fi kwalunkwe kaz kull dubbju imur favur il-kerrej.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontrihom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------